**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 24 ta' Lulju, 2017

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**-vs-**

**Alexandra Dalmas detentriċi tal-karta tal-identità numru 31768M**

***Kumpilazzjoni Nru. 613/15***

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputata Alexandra Dalmas, u ċioè talli:

F'Ġunju, 2015, u fix-xhur ta' qabel ġewwa tas-Salib, limiti tar-Rabat, Rabat, Malta u nħawi oħra f'dawn il-gżejjer:

*1.* b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq ieħor, ingann, jew billi wriet ħaġa b'oħra sabiex igiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamlet qliegħ ta' aktar minn ħames mitt euro (€500) izda mhux aktar minn ħamest elef euro (€5,000) għad-dannu ta' Maria Vera Sant Fournier (ID 9685G) u/jew persuni ohra;

*2.* taħt l-istess lok u ċirkostanzi, approprijat ruħha billi dawwret bi profit għaliha jew għal persuni oħra, oġġetti li s-somma tagħhom hija ta' valur ta' aktar minn

ħames mitt euro (€500) izda mhux aktar minn ħamest elef euro (€5,000), liema flus ġew ikkunsinnati lilha taħt it-titolu illi jġib miegħu r-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat.

Fl-istess perjodu taż-żmien u ċirkostanzi, f'dawn il-Gżejjer kisret il-kundizzjonijiet tal-libertà proviżorja imposti fuqha mill-Qorti tal-Maġistrati kif preseduta mill-Maġistrat Dr Marse Anne Farrugia LL.D. meta fit-22 ta' Awwissu, 2011 ingħatat il-benefiċċju tal-libertà proviżorja taħt diversi kundizzjonijet.

Rat li waqt l-udjenza tallum, mizmuma minn din il-Qorti, l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputata wiegbet li hija hatja ghall-akkuzi migjuba fil-konfront taghha, din il-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u hija nghatat zmien xieraq sabiex jekk riedet terga' lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata taghha, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghha kif minnha ammessi.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li tinsab akkuzata bihom l-imputata, l-ammont tar-*res furtiva*, il-fedina penali tal-imputata w ic-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz. Ittiehed konsiderazzjoni tal-fatt li t-tieni akkuza nghatat bhala alternattiva ghall-ewwel akkuza u ghaldaqstant il-Qorti ser tastjeni milli tiehi konjizzjoni ulterjuri taghha.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 31, 308, 310(1)(b) u 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha u tikkundanna ha ghal sittax il-xahar prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 ta' l-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal tlett snin millum.

Tordna li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28H(1) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputata thallas lill-partijiet lezi l-ammont kollu mghoddi lilha minnhom u bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28H(2) tal-istess Kapitolu, l-imputata qieghda tinghata zmien sitt (6) xhur sabiex isir dan.

Il-Qorti spjegat lill-hatja l-konsegwenzi jekk tikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza jew jekk tonqos milli taghmel ir-restituzzjoni lill-partijiet lezi kif ordnata.

Ghalkemm il-konfiska tal-garanzija hi tassattiva ai termini tal-ligi, il-prosekuzzjoni naqset milli ggib l-ahjar prova u cioe` d-digriet, li bih l-imputata inghatat il-helsien mill-arrest, fil-forma kompluta tieghu. Ghaldaqstant l-Qorti giet prekluza milli tapplika d-disposizzjoni tal-artikolu 579(2) tal-Kodici Kriminali dwar il-konfiska.

Il-Qorti tordna li l-atti, flimkien ma kopja ta' din is-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat Generali fi zmien sitt ijiem ta' xoghol.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**